MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Numru. 287/2002

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cordina)

vs

Carmelo Borda

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Carmelo Borda ta 38 sena iben Francis u Maria Assunta nee' Sultana, imwieled Attard fis-16 ta' Settembru 1969 u li joqghod fl-indirizz 358, Triq Fleur de Lys, B'Kara u detentur tal-karta ta' l-identita numru 394469M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fid-29 ta' Novembru 2001 u f'data precedenti, f'B'Kara b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta'

ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' LM450 bi hsara ta' James Xuereb. U dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess cirkustanzi, approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' LM450, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu. Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokunenti esebiti, fosthom il-kunsens tal-Avukat Genrali datat 8 ta' April 2002 fejn gie moghti il-kusnens sabiex din il-kawza tinstema' bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2003 l-mputat iddikjara li huwa ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Ikkunsidrat:

Illi fl-4 ta' Frar 2002 il-Pulizja rceviet rapport minghand certu James Xuereb minn Birkirkara fil-konfronti tal-imputat Carmelo Borda (vide xhieda tal-Ispettu Joseph Cordina moghtija fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2003). L-imsemmi Xuereb qal lill-Pulizija li fit-03 ta' Novembru 2001 huwa kien hallas is-somma ta' Lm350.00 lil Carmelo Borda bhala depozitu fuq prezz ta' vettura li dan tal-ahhar kien obbliga ruhu li jgiblu mir-Renju Unit. Xi ftit tal-granet wara l-imputat kien talab lil Xuereb Lm500.00 ohra bhala akkont tal-prezz tal-vettura li huwa qallu li kienet ser tasal Malta dalwaqt izda Xuereb accetta li jhallas biss is-somma ta' Lm100.00 ohra. James Xuereb meta xehed fis-seduta

tat-28 ta' Lulju 2004 ikkonferma li huwa kien hallas l-ammont totali ta' Lm450.00 lill-imputat bhala depozitu fuq prezz ta' vettura li dan tal-ahhar kellu jgiblu mir-Renju Unit u li l-imputat irrilaxxja id-debiti ricevuti ghal dawn l-ammonti li huwa kien ircieva mingahnd Xuereb (esebiti a fol. 23 u 24 tal-process). James Xuereb ikkonferma wkoll li din il-vettura baqghet ma waslitx u huwa ghalhekk ghamel rapport lil Pulizija.

Illi wara li ezaminat bir-reqqa il-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni din il-Qorti jidrilha li l-istess Prosekuzzjoni rnexxilha tipporva lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-imputat huwa hati tar-reat ta' frodi innominata u dan bi ksur tal-Artikolu 309 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta. Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) permezz ta' sentenza taghha tat-12 ta' Frar 1999 fil-kawza fl-ismijiiet **'Il-Pulizija vs Francis Willoughby'** fejn gew elenkati ir-rekwiziti sabiex jissussiti ir-reat ta' truffa jew frodi u fejn intqal is-segwenti:-

*"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ngann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija vs. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija vs. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (Il-Pulizija vs. Carmel Cassar Parnis, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, Il-Pulizija vs. Carmelo Cassar Parnis, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; Il-Pulizija vs Francesca Caruana, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll Il-Pulizija vs. Giuseppe Schrainer, App. Krim., 3/3/56)."*

Il-Qorti jidrilha li f'dan il-kaz irrizulta l-ingann jew qerq perpetrat mill-imputat, gie pruvat li bhala konsegwenza ta' dan il-qerq il-vittma ghamlet xi haga li kkagunatilha telf patrimonjali u li kien hemm ukoll il-konsegwenti qliegh ghall-imputat. Il-qerq kien jikkonsisti fil-fatt li l-imputat weighed lil James Xuereb li kien ser ibieghlu vettura li kien ser jimporta mir-Renju Unit meta huwa fil-fatt ma kellu ebda intenzjoni li jaghmel hekk. Huwa accetta is-somma ta' Lm450.00 bhala depozitu minghand Xuereb u hawn ghandna i-telf patrimonjali ghal dan tal-ahhar u l-qliegh ghall-imputat, u mbagahd qatt ma kkonsenjalu il-vettura imweghda. L-imputat ghalhekk qed jigi misjub hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni in-nota esebita mill-Prosekuzzjoni fit-23 ta' April 2007 fejn gie kkonfermat li l-imputat kien irrifonda lil vittma, u cioe' lil James Xuereb l-ammont kollu dovut lilu mill-istess imputat u jidrilha lli m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva fil-konfronti tal-imputat.

Ghaldaqstant u wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 293, 294 u 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti filwaqt li tiddikjara li qed issib lill-imputati hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghal prigunerija ta'sena (1) sospiza ghal sentejn (2) millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car bir-responsabilita' tieghu skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------